DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ġunju 2012

li twaqqaf grupp ta' esperti dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud

(2012/C 188/02)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 113 tat-Trattat assenja lill-istituzzjonijiet il-kompitu li jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq id-dħul min-negozju bħalma hi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT – Lejn sistema tal-VAT aktar sempliċi, robusta u effiċjenti mfassla għas-suq uniku ([1]) – fissret programm ta' azzjoni għal riforma wiesgħa tas-sistema tal-VAT tal-UE. Biex jitwettqu l-miżuri elenkati f'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni jista' jkun li jkollha bżonn tuża l-għarfien espert ta' speċjalisti tal-VAT f'korp konsultattiv.

(3) Kif intqal fil-Komunikazzjoni, u skont il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti ([2]), il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-ġbir tal-fehmiet u tal-għarfien speċifiku tal-partijiet interessati meta tkun qed tiżviluppa u timplimenta politiki ġodda li jolqtu l-VAT. Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' esperti fil-qasam tal-VAT u li jiġu definiti l-ħidmiet u l-istruttura tiegħu.

(4) Il-grupp għandu jkun magħmul minn individwi li jkollhom l-għarfien espert xieraq fil-qasam tal-VAT u minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw b'mod partikolari lin-negozji, lill-konsumaturi jew lill-professjonisti tat-taxxa, u li jistgħu jgħinu fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-politiki li jolqtu l-VAT.

(5) Il-grupp għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u għarfien fil-fond fejn tidħol it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politika tal-VAT. Il-membri kollha għandhom jaqdu rwol attiv ħafna u ta' kwalità għolja fil-laqgħat, u fil-preparazzjoni tagħhom u wara jagħmlu s-segwitu jekk ikun meħtieġ.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar l-iżvelar tal-informazzjoni minn membri tal-grupp.

(7) Id-dejta personali għandha tiġi pproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data (dejta) personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (dejta) ([3]),

([1]) COM(2011) 851, 6.12.2011.
([2]) COM(2010) 543, 8.10.2010.
([3]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

Qiegħed b'dan jitwaqqaf grupp ta' esperti tal-VAT, imsejjaħ il-"Grupp ta' Esperti tal-VAT", minn hawn 'il-quddiem "il-grupp".

Artikolu 2

Kompitu

Il-kompitu tal-grupp ikun:

(a) Li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar it-tħejjija ta' atti leġiżlattivi u ta' inizjattivi oħra ta' politika fil-qasam tal-VAT;

(b) li jipprovdi għarfien fil-fond dwar l-implimentazzjoni prattika ta' atti leġiżlattivi u inizjattivi oħra ta' politika tal-UE fil-qasam tal-VAT.

Artikolu 3

Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-grupp fuq kull kwistjoni relatata mal-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u inizjattivi oħra ta' politika meħuda fil-livell tal-UE fil-qasam tal-VAT.

Artikolu 4

Sħubija – Ħatra

1. Il-grupp ikun magħmul minn massimu ta' 40 membru.

2. Il-membri jkunu organizzazzjonijiet u individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom, b'kompetenza fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2.

3. Id-Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jaħtar il-membri minn fost l-organizzazzjonijiet u l-individwi li jkunu wieġbu sejħa għall-applikazzjonijiet.

4. L-organizzazzjonijiet jinnominaw ir-rappreżentant tagħhom u sostitut li jissostitwixxih meta jkun assenti jew indispost. Id-Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jista' jirrifjuta rappreżentant jew sostitut propost minn organizzazzjoni jekk hu jew hi ma j/tkunx j/tilħaq il-livell meħtieġ fis-sejħa għall-applikazzjoni. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni kkonċernata tintalab taħtar rappreżentant jew sostitut ieħor.

5. Fil-każ ta' individwi maħtura fil-kapaċità personali tagħhom, jistgħu jsiru dispożizzjonijiet biex kull membru jkollu sostitut. Is-sostitut jinħatar skont l-istess kundizzjonijiet bħall-membru, u jissostitwixxi awtomatikament lill-membru jekk dan ikun assenti jew indispost.

6. Il-membri jinħatru għal sentejn. Huma jibqgħu fil-kariga sa tmiem il-mandat tagħhom. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded jekk iwieġbu għal sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet.

7. L-applikanti li jkunu tqiesu bħala xierqa iżda li ma jkunux inħatru jistgħu jitniżżlu f'lista ta' riżerva ("il-lista"), li tinżamm għal sentejn, li l-Kummissjoni tista' tuża biex taħtar sostituti.

8. Membri maħtura fil-kapaċità personali tagħhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku.

9. Il-membri kollha u s-sostituti tagħhom jieħdu sehem attiv ħafna u ta' kwalità għolja fil-laqgħat, u fil-preparazzjoni u fis-segwitu tagħhom jekk ikun meħtieġ.

10. Membri li jirriżenjaw jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2, 8 u 9 ta' dan l-Artikolu, jew fl-Artikolu 339 tat-Trattat, jistgħu jiġu ssostitwiti għall-kumplament tal-mandat tagħhom minn membru maħtur mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tuża l-lista biex taħtar sostituti.

Id-Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jista' jitlob lil organizzazzjoni biex taħtar rappreżentant jew sostitut ieħor jekk iqis li hu jew hi ma j/tikkonformax mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

11. L-ismijiet tal-individwi appuntati fil-kapaċità personali tagħhom u tal-organizzazzjonijiet jiġu ppubblikati fir-reġistru tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni u entitajiet simili oħrajn ("ir-Reġistru") u fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

12. Id-dejta personali tinġabar, tiġi pproċessata u tiġi ppubblikata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 5

L-operat

1. Il-grupp ikun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Bi qbil mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-grupp jista' jistabbilixxi sottogruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi ta' termini ta' referenza definiti mill-grupp. Kif jintemm il-mandat tagħhom, dawn is-sottogruppi jiġu xolti.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esperti esterni biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp jew tas-sottogrupp fuq bażi *ad hoc* jekk huma jkollhom għarfien espert speċifiku li jkun ta' benefiċċju għall-grupp. Barra minn hekk, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jagħti status ta' osservatur lil ċerti individwi jew organizzazzjonijiet kif iddefiniti fir-Regola 8(3) tar-regoli orizzontali dwar il-gruppi ta' esperti.

4. Il-membri tal-grupp u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, jikkonformaw mal-obbligi tas-segretezza professjonali stabbiliti fit-Trattati u fir-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tat-tagħrif ikklassifikat tal-UE, stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom [1]. Jekk jonqsu milli jirrispettaw dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe miżuri xierqa.

5. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu normalment jiltaqgħu f'bini tal-Kummissjoni, fil-forma u skont l-iskeda stabbilita mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi segretarjali. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li jkollhom interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tas-sottogruppi tiegħu.

6. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura għall-gruppi ta' esperti.

7. Il-Kummissjoni tippubblika t-tagħrif rilevanti dwar l-attivitajiet li jwettaq il-grupp, billi tinkludih fir-Reġistru jew billi tinkludih f'sit tal-internet speċifiku ddedikat għall-grupp li jkun hemm referenza għalih fir-Reġistru.

Artikolu 6

Spejjeż tal-laqgħat

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp ma jitħallsux għas-servizzi li jipprovdu.

2. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-għajxien li jkunu għamlu dawk li jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-grupp jiġu rimborżati mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni.

3. Dawk l-ispejjeż jiġu rimborżati fi ħdan il-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kummissjoni

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura, (ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1).